# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 15 ta' Gunju tas-sena 2001.**

**Numru 25**

**Avviz numru 1868/99/SM**

**Anthony u Marguerita konjugi Muscat Baron.**

**vs**

**ARN Holdings Ltd.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat s-27 ta' Dicembru ta' l-1999 li permezz tieghu sejhu lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabeix tghid ghaliex m'ghandiex:**

1. **Thallas is-somma ta' disa' mija u hamsa u disghin liri Maltin (LM995.00,0), rapprezentanti danni sofferti mill-atturi fil-fond numru hamsin (50), Graham Street, Sliema rizultat ta' kostruzzjoni u zvillup ta' bini ezegwit mis-socjeta' konvenuta fil-fond numru disgha u erbghin (49), Graham Street, Sliema u cioe' konsistenti fi hsarat fl-istess fond numru hamsin (50), Graham Street, Sliema, kif jirrizulta mic-certifikat datat wiehed u tletin (31) ta' Mejju**

**tas-sena elf disa mija u disgha u disghin rilaxxjat mill-Perit Arkitett P Griscti Soler, anness u mmarkat bhala Dok. "A";**

**2. Bl-ispejjez u bl-imghax skond s-socjeta' konvenuta, inkluz dawk ta' l-ittra legali datata 8 ta' Marzu, 1999, li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-10 ta' Jannar tas-sena 2000 li permezz taghha s-socjeta' attrici eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet tal-atturi ghandhom jigu respinti ghar-ragunijiet segwenti:**

**a. s-socjeta' konvenuta ma kkawzat ebda hsara lill-atturi;**

**b. bla pregudizzju ghal premess, l-ammont mitlub huwa eccessiv;**

**2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Ezaminat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:**

**1. Illi meta s-socjeta' attrici ghamlet xoghol ta' kostruzzjoni fil-fond 49, Graham Street, tas-Sliema, ghamlet il-hsarat elenkati fid-dokument immarkat Dok. "A" anness ma' l-avviz odjern;**

**2. Illi d-dawn il-hsarat ta' kostruzzjoni fil-fond proprjeta' ta' l-atturi saru nonostante li s-socjeta' konvenuta kienet giet debitament infurmata mill-atturi li peress li l-fond proprjeta' taghhom hu pjuttost qadim, dawn kellhom jiehdu l-prekawzjonijiet kollha necessarji biex ma jikkagunawlhomx danni;**

**3. Illi nonostante dan, d-danni ma gewx evitati;**

**4. Illi d-danni sofferti mill-atturi jammontaw ghas-somma minnhom indikati fl-avviz odjern;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi in vista tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li l-atturi ippruvaw il-kaz taghhom skond il-ligi u konsegwentement tilqa' t-talbiet attrici kollha, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**